# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Cit. Nru. 1568/00 JRM**

**Avukat Dottor Carmel Chircop**

**vs**

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attur ipproceda kontra l-Awtorita' konvenuta b'dan l-att tac-citazzjoni:-

> "L-attur ippremetta illi permezz ta' 'Personnel Requisition' mahrug fl-4 ta' Marzu, 1994 gie ingaggat mill-Awtorita' Marittima ta' Malta b'effett mill-1 ta' Lulju, 1994 bhala "Legal Adviser";
>
> Illi effettivament l-attur assuma l-obbligi tieghu bhala impjegat kif fuq inghad mill-1 ta' Lulju,

1994 u fil-kors tal- impjieg tieghu l-ingagg fuq imsemmi sar wiehed indefinit;

Illi fost il-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu, mill-1998 l-attur gie lilu approvat wkoll il-kundizzjoni li apparti s-salarju tieghu kellu jircievi hlas ghad-drittijiet gudizzjarji ta' kawzi li jsiru mill-Awtorita' konvenuta li jkunu gew kondotti mill-attur bil-kondizzjoni komunament maghrufa bhala 'no cure no pay basis'. Illi di fatti l-attur diga beda jithallas skond il-ftehim ghall-kawzi ta' din ix-xorta;

Illi proprju f'Jannar ta' din is-sena l-attur kien kostrett li jibda proceduri gudizzjarji kontra l-Awtorita' konvenuta biex jircievi hlasijiet gudizzjarji kif fuq inghad, li minghajr spjegazzjoni jew raguni gusta l-Awtorita' kienet qed tirrifjuta li thallas;

Illi tajjeb jigi sottolinejat li fil-proceduri kollha maghmula kontra l-Awtorita' konvenuta biex l-attur jippercepixxi l-hlasijiet gudizzjari fuq imsemmija, l-istess Awtorita' konvenuta baqghet ma ghamlet xejn u l-anqas bl-icken mod ma ikkombattithom. Kien biss gimgha wara minn meta l-Qorti laqghet it-talba ghall-izbank tal-flejjes depozitati l-Qorti, li l-Awtorita' konvenuta agixxiet;

Illi fit-3 ta' Marzu, 2000 l-attur ircieva ittra minghand ic Chairman tal-Awtorita' allura Dr. Edward Woods fejn informah li proprju minhabba l-mod kif ipproceda kontra l-Awtorita' l-impjieg tieghu kien qieghed jigi tterminat b'effett immedjat;

Illi jirrizulta wkoll illi ciononostante li din id-decizjoni ittiehdet fuq ir-responsabilita personali ta' Dr. Edward Woods, minkejja li kien 'non-executive chairman', tali decizjoni giet approvata mill-Bord tad-Diretturi tlett ijiem wara bhala decizjoni tal-Awtorita' konvenuta;

Illi ghalkemm fil-mertu tal-kwistjoni kollha l-attur jsostni li l-Awtorita' konvenuta ma kellha ebda ragui valida u sufficjenti biex tittermina l-impjieg tieghu, il-mod kif l-istess Awtorita' itterminat tali impjieg kien ultra vires u dan ghaliex ma kellhiex konferita l-awtorita lilha moghtija skond il-ligi biex tittermina l-impjieg bil-mod kif itterminatu u di piu' ma osservatx il-principju ta' gustizzja naturali u/jew ma osservatx ir-regolamenti u procedura li tifforma parti integrali mill-kundizzjonijiet tal-impjieg, li kellhom jigu osservati tassattivament mill-Awtorita' konvenuta sabiex tali decizjoni titqies valida skond il-ligi u intra vires;

Illi di fattti l-impjieg tal-attur mal-Awtorita' konvenuta fost ohrajn huwa regolat minn sett ta' regolamenti li jipprevedu x'ghandu jsir f'kaz ta' procedura ta' dixxiplina li jistghu jwasslu ghas-sospensjoni jew ghat-tkeccija ta' impjegat - proceduri u regolamenti li fis-sustanza taghhom iharsu l-minimu tal-principji tal-gustizzja naturali u intizi biex jilhqu bilanc dwar l-interessi tal-impjegat, bhal ma huwa l-attur u min qieghed jimpjega bhal ma hi l-Awtorita' konvenuta. Illi di piu' l-agir ta' l-Awtorita' konvenuta jemani minn att amministrattiv li fih innifsu huwa abbuz ta' poter ghax huwa imsejjes fuq konsiderazzjonijiet ghal kollox irrelevanti;

Illi allura meta l-Awtorita' konvenuta tterminat l-impjieg tal-attur, kienu x'kienu r-ragunijiet, il-fatt li ma gietx osservata tali procedura jirendu lill-istess Awtorita' konvenuta passibbli ghall-annullament ta' tali decizjoni;

Illi minhabba dan l-agir illegali u abbuziv tal-Awtorita' konvenuta, l-attur sofra, qieghed isofri danni konsistenti f'telf ta' paga u qliegh iehor accillari u konness, li kienu jifformaw parti mill-impjieg tieghu sudett;

Illi inoltre jirreferi ghall-avviz mahrug mill-Awtorita’ u ripetut diversi okkazzjonijiet fil-gazzetti principali lokali b’kontenut li hu purament vessatorju u li jaghti biss pubblicita hazina fil-konfront tal-attur stante illi dwar il-meritu tal-kontenut tal-istess avviz ma kien hemm ebda dubju ta’ xi trasgrezzjoni da parti tal-attur. Minn dana jidher car illi l-uzu tal-istess kien purament wiehed cioe li jaghmel hsara u dannu lill-attur u r-reputazzjoni tieghu;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni opportuna:

1. Tiddikjara li d-decizjoni mehuda minnha hija ghal kollox nulla u minghajr effett u dan peress li mhux konfirmi man-normi tal-proceduri stabiliti u hija ultra vires il-poteri taghha;

2. Tiddikjara ghalhekk li l-impjieg tal-attur qatt ma gie terminat;

3. Tordna lill-Awtorita’ konvenuta tirrintegra fis-shih u l-intier tieghu lill-attur fl-impjieg fuq imsemmi bl-istess salarju, kondizzjonijiet u beneficcji li jmorru mieghu;

4. Tikkundanna lill-Awtorita’ konvenuta thallas lill-attur is-salarju, beneficcju kollha b’effett minn meta l-istess Awtorita’ konvenuta waqfet lill-attur milli jkompli fl-impjieg sal-jum tad-decizjoni tal-kawza odjerna bl-imghaxijiet legali skond il-ligi”.

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

L-Awtorita’ konvenuta hekk eccepiet ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli mhux kompetenti ghaliex it-Tribunal Industriali ghandu gurisdizzjoni esklusiva fuq il-materja mertu tal-kawza ghat-tenur tal-art. 28(1) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, qed tigi eccepita l-eccezzjoni tal-"litis pendentia" u dana billi l-attur gia iddeduca t-talba tieghu ghal tkeccija ingusta quddiem it-Tribunal Industriali (Kaz Nru. 1433) u dana sew qabel il-prezentata tac-citazzjoni odjerna;

3. Illi subordinatament u fil-mertu it-tkeccija tal-attur mill-impieg tieghu ta' avukat "full time" ittiehdet sew u konformement mal-prassi u proceduri preskritti u d-decizjoni tac-Chairman tal-Awtorita' giet konfermata u ratifikata bil-Bord tal-istess Awtorita', kif ser jirrizulta waqt it-tratazzjoni tal-kawza;

4. Illi kien hemm ragunijiet serji ghala l-attur tkecca mill-impieg tieghu, fosthom imma mhux biss, dik li waqt li hu suppost kien l-Avukat tal-Awtorita', waqt li kien ghadu fl-impieg tieghu, beda diversi proceduri legali kontra l-istess Awtorita' u dana bi ksur ta' kull etika professjonali u meta hu kellu konflitt kbir u dirett ta' interess;

5. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, anki kieku din il-Qorti kellha tichad l-ewwel erba' eccezzjonijiet, qatt ma tista' tordna ir-reinstatement tal-attur kif mitlub fit-tielet talba, stante li hu kellu impieg ta' fiducja bhala konsulent legali tal-Awtorita' u din il-fiducja m'ghadhiex tezisti ghal ragunijiet ovvji;

6. Illi lanqas ma hu dovut hlas jew kumpens skond kif dedott fir-raba' talba ghax it-temm ta' impieg sar b'mod regolari u ghal ragunijiet validi skond il-ligi".

**Verbal u digriet**

Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2000, il-partijiet ivverbalizzaw li quddiem it-Tribunal Industrijali kien hemm proceduri bejn l-istess partijiet u fl-istess ismijiet fir-rigward tat-tkeccija ta' l-attur.

B'digriet taghha tas-27 ta' Frar, 2001, u ta' l-14 ta' Marzu, 2001 l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza taghha ratione materiae.

**Decide**

B'sentenza ta' l-21 ta' Marzu, 2001, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi laqghet din l-eccezzjoni ta' l-Awtorita' mharrka u ddikjarat li m'ghandhiex gurisdizzjoni ratione materiae biex tisma' l-kawza ta' l-attur u konsegwentement astjenijiet milli tqis it-talbiet tieghu u cahdet l-azzjoni minnu ntavolata. L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Illi, minn dak li jirrizulta mill-atti, l-attur kien impjegat ma' l-Awtorita' mharrka bhala konsulent legali fuq kuntratt ghal zmien indefinit. Huwa tkecca mill-

impieg f'Marzu tal-2000. Huwa qieghed jitlob, fost l-ohrajn, li l-Qorti tiddikjara li l-mod kif saret it-tkeccija huwa null ghax ma jaqbilx mal-proceduri stabiliti, u li tiddikjara wkoll li l-impieg tieghu ma gie qatt mitmum;

Irrisulta wkoll li l-attur, wara li tkecca mill-impieg u qabel ma fetah din il-kawza, beda proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali taht l-artikolu 28 tal-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali;

Min-naha taghha, l-Awtorita' mharrka qeghda tghid li kellha ragunijiet tajbin biex ittemm l-impieg tal-attur, imma li s-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni hija materja li jista' jaraha biss it-Tribunal Industrijali u mhux il-Qrati ordinarji;

Illi, waqt is-sottomissjonijiet maghmula f'ismu, l-attur sehaq li l-kawza minnu mressqa kellha bilfors tingieb quddiem din il-Qorti ghaliex hija kollha kemm hi msejsa fuq l-allegazzjoni li d-decizjoni tat-tkeccija tieghu ttiehdet mill-oghla ufficjal tal-Awtorita' imharrka u mill-Bord tad-Diretturi b'mod *ultra vires.* Zied jghid li, f'materja bhal din, lanqas jekk irid, it-Tribunal Industrijali ma jistax jiddeciedi jekk il-Bord wettaqx id-decizjoni li ha fil-konfront tal-attur b'mod regolari, u dan billi l-perm tal-kawza huwa ntiz li jisfida l-operat tal-Awtorita' mharrka qabel ma sehhet it-tkeccija;

Il-ligi taghraf bejn impieg ghal zmien definit u impieg ghal zmien indefinit, u, ghall-finijiet ta' tifsir ta' "tkeccija ingusta" (fl-Att XXX tal-1976), tqis biss dan tal-ahhar bhala dak l-impieg li r-rimedju tat-temm tieghu jista' jintalab mit-Tribunal Industrijali;

Illi l-artikolu 28 tal-imsemmi Att jghid b'mod car u kategoriku li, minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal ikollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan (ghajr minn proceduri dwar reat), u li r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jkun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lil dak it-Tribunal u mhux xort'ohra;

Illi gie ghadd ta' drabi mfisser mill-Qrati taghna li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss

eccezzjoni ghall-gurisdizzjoni generali u aktar wiesgha (imsejha "gurisdizzjoni ordinarja" li jhaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija gurisdizzjoni specjali, mnissla minn disposizzjoni ta' ligi specjali, m'ghandhiex tithalla tohrog lil hin mil-limiti stretti mfissra f'dak il-ligi specjali [ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-**19 t'April, 1990** fil-kawza fl-ismijiet Norman Rossignaud nomine vs Gontran Borg nomine (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.502**)];

Ta' min iqis ukoll li l-gurisdizzjoni esklussiva moghtija lit-Tribunal Industrijali dwar tkeccija minn impieg meqjusa bhala ingusta hija, fil-kliem tal-ligi, "ghal kull ghan". Din il-Qorti tifhem li dan ifisser li l-indagni dwar jekk it-tkeccija kinitx misthoqqa jew le jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raguni gusta u sufficjenti fil-mertu;

Illi, f'dan ir-rigward, gie stabilit kemm mill-kitbiet tal-awturi u kif ukoll minn decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali nnifsu li huwa ghandu s-setgha, taht l-artikolu 28, li jifli tkeccija minn impieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm ragunijiet li jiggustifikawha, din tkun saret b'mod mhux misthoqq jew ingust [ara, per ezempju, decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-**10 ta' Marzu, 1981**, fil-kaz fl-ismijiet *Diacono vs M.C.M. Aluminium Limited*]. Fi kliem iehor, din il-gurisdizzjoni tat-Tribunal testendi ghal dak li huwa maghruf bhala *technically unfair dismissal*. Tali bixra ta' fehmiet baqghet titqies ukoll matul iz-zminijiet [ara, per ezempju, decizjoni tat-Tribunal tal-**24 ta' Novembru, 1998**, fil-kaz fl-ismijiet *Debattista vs Koperattiva Indafa Pubblika*];

Illi l-istess haga tista' tinghad ghal dak li huwa teknikament maghruf bhala *constructive dismissal*, jigifieri cirkostanza ta' temm mill-impieg ta' persuna li, fid-dieher, qisha tkun irrizenjat mill-impieg, imma li, fil-fatt, tkun twasslet f'qaghda li jkollha titlaq kontra r-rieda taghha minhabba l-imgiba tal-imghallem taghha;

B'dan ghalhekk li, ladarba jigi stabilit li l-kwestjoni taqa' fil-limiti ta' dik il-gurisdizzjoni esklussiva, l-Qrati ma jkollhomx izjed setgha jidhlu fil-kwestjoni, u jibqa' biss setgha ta' revizjoni dwar l-operat tat-Tribunal

[ara sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-**20 ta' Marzu, 2000** fil-kawza fl-ismijiet Raymond Fenech nomine vs Victor Fiorentino (Citazz. Nru. 570/97 GCD)];

Kemm hu hekk, dawn il-Qrati waqfu milli jiddeciedu kwestjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impieg u dan ukoll f'kawzi fejn, biex jaghmlu l-accertamenti taghhom dwar il-kaz, kien mehtieg li tigi investigata wkoll il-kwestjoni tal-validita' tat-temm tal-impieg [ara sentenza moghtija fil-**25 ta' Novembru, 1988**, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Mariella Fenech Pace vs Raymond Bondin *nomine et* (Kollez. Vol**: LXXII.iv.838**)];

Illi ghandu jinghad ukoll li, skond l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, is-setghat li jhaddan it-Tribunal fil-gurisdizzjoni specjali tieghu huma dawk li, bil-Kodici tal- Organizzazzjoni u Procedura Civili, huma moghtija lil din il-Qorti [art. 30(1)]. Dan ifisser li r-rimedji li t-Tribunal jaghti f'kaz ta' sejbien favorevoli ghat-talba tal-applikant huma l-istess li tkun tista' taghti din il-Qorti fuq talbiet li jixxiebhu u li ma jkunux fil- kompetenza ta' dak it-Tribunal [ara art. 32(3), 32(4), u 33]. L-istess jinghad ghall-mod kif decizjonijiet tat-Tribunal jigu esegwiti [art. 34];

***Ikkunsidrat:***

Illi jekk wiehed ihares lejn kif inhu mfassal l-Att tac-Citazzjoni u jgharbel kif imiss id-Dikjarazzjoni mahlufa, wiehed ghandu jsib li l-azzjoni tal-attur iddur kollha kemm hi f'raguni ta' tkeccija. Wahda mill-premessi ssemmi sahansitra li l-Awtorita' mharrka "ma kellha ebda raguni valida u sufficjenti biex tittermina l-impieg";

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-argument imressaq mill-abbli difensur tal-attur fis-sens li l-azzjoni attrici hija immirata li tisfida l-operat tal-Awtorita' imharrka qabel sehhet it-tkeccija ma jnaqqasx b'daqshekk xejn mill-fatt li l-qofol tal-kwestjoni hija proprju l-istess tkeccija. It-talbiet tal-attur huma kollha mahsuba li jwaqqghu dik it-tkeccija u r-rimedji li qieghed jitlob jintrabtu sfiq maghha;

> Illi, b'dan il-mod din il-Qorti jkollha ssib li tonqos fiha s-setgha li tisma' l-kawza mressqa mill-attur billi tali setgha hija b'ligi specjali mhollija fit-Tribunal Industrijali".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-attur appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ma gharfietx tinterpreta korrettement il-premessi u t-talbiet attrici. Jissottometti li l-objett tad-domanda bazika kontenuta fic-citazzjoni kien dirett lejn l-otteniment tad-dikjarazzjoni illi "id-decizjoni" innifisha, u mhux is-sostanza jew il-finalita' taghha, kienet nulla inkwantu ma ttehdietx konformement man-normi tal-proceduri stabbiliti u kienet ultra vires il-poteri ta' min hadha.

Jissottometti li l-azzjoni minnu proposta ma kienetx tirrigwarda l-fatt ta' tkeccija jekk din kienetx gusta jew le, tant li dwar din il-materja kien diga' agixxa quddiem it-Tribunal Industrijali. Hu jikkontesta il-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-premessi ghat-talbiet tieghu fl-att tac-citazzjoni ma kienu jnaqqsu xejn mill-fatt "li l-qofol tal-kwistjoni hija propju l-istess tkeccija". L-appellant itenni li l-mertu tal-vertenza ma jiccentra xejn fuq determinazzjoni ta' licenzjament ut sic. Hu kien qieghed jippostula illi "<u>id-decizjoni</u>" infisha ta' l-Awtorita' li mpjegatu, anke jekk b'rizultat taghha avvera l-licenzjament, ma kienetx konformi mal-proceduri u r-regoli formanti parti mill-kuntratt ta' l-impjieg ta' l-attur. Si tratta allura

minn illegalita' u abbuz procedurali fit-tehid tad-decizjoni mehuda in ezami bin-nomina tad-dixxiplina interna regolanti l-impjieg. Dan il-mertu ma jaqax direttament fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Din il-Qorti tikkonsidra li mad-daqqa t'ghajn dan l-aggravju seta' jitqies li kellu sostanza ghax il-logika tieghu tidher li taghmel sens guridiku. Ezami akkurat pero' tad-disposizzjoni ta' dritt li tirregola l-materja, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kellu jwassal ghall-konvinciment illi l-aggravju ta' l-appellant ma kienx sostenibbli.

Din il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghal dak li hi stess ikkonsidrat fis-sentenza fil-kawza "Joseph Sammut vs Francis Vassallo nomine" minnha deciza fid-19 ta' Mejju, 2000, fejn inter alia jinghad:-

> "(b) Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-organu gudizzjarju jew ahjar kwazi gudizzjarju kompetenti biex jiddetermina dwar jekk it-tkeccija kenitx jew le ingusta skond il-ligi kien it-Tribunal Industrijali. Dan b'gurisdizzjoni esklussiva konferita lilu b'ligi specjali u cioe' bl-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266). Gustament allura l-Ewwel Qorti iccitat l-artikolu 28 ta' dak l-Att li din il-Qorti ser tirraporta mill-gdid ghaliex jehtieg li jigi minnha interpretat.
>
> "Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkonsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunali Industrijali u u mhux xort'ohra."

> (c) Qari akkurat ta' dan l-artikolu bilfors iwassal ghall-konkluzjoni illi t-Tribunal Industrijali kellu gurisdizzjoni esklussiva li jiehu konjizzjoni tal-kazijiet kollha fejn gie allegat li saret tkeccija ingusta, hlief fejn si tratta ta' proceduri kriminali u dan b'mod illi l-Qrati ordinarji huma ezawtorati milli jiehdu konjizzjoni ta' kazijiet ta' din ix-xorta. Indubbjament allura l-Qrati ordinarji ma kellhom ebda dritt li jikkonsidraw u jiddeciedu mertu dwar jekk tkeccija ta' impjegat kenitx jew le ingusta. Inoltre l-istess disposizzjoni tipprovdi wkoll illi haddiem li jkun gie provat illi gie mkecci ingustament, kellu biss ir-rimedju li l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xorta ohra. Din il-Qorti pero' tifhem b'dan l-artikolu illi r-rimedju ta' haddiem li jkun imkecci ingustament, li kien biss li jirrikorri quddiem it-Tribunal Industrijali u mhux quddiem it-Tribunali ordinarji, fl-ewwel lok ghad-determinazzjoni jekk it-tkeccija tieghu kenitx jew le ingusta. Jekk jinstab li kienet ingusta, it-Tribunal Industrijali kellu wkoll jipprovdi r-rimedju adegwat kontra tali agir biex l-ingustizzja tigi rettifikata. L-ingustizzja infatti tippresupponi agir abuziv u llegali u mhux skond il-ligi. Agir li una volta jigi provat li kkawza danni lill-persuna vittma tieghu, kien gust li l-ligi tipprovdi biex dan jigi rettifikat jew permezz ta' reintegrazzjoni fil-jeddijiet tal-persuna aggravata ekwivalenti ghar-reinstatement fl-impjieg ossia ghall-kumpens finanzjarju".

Hu veru li din il-Qorti f'dik is-sentenza iddeliberat ukoll illi

> "Din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, hi tal-fehma illi l-Qrati ordinarji tal-pajjiz ma kienux prekluzi milli jiehu konjizzjoni ta' materji li jiskaturixxu minn rabtiet kontrattwali u mill-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-obbligi kontrattati bejn min jahdem u min ihaddem".

Silta din li ghaliha ghamel riferenza l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu. Pero' dik is-sentenza taghmilha cara illi din l-ahhar konsiderazzjoni kienet tapplika biss fejn u sa fejn il-qrati ordinarji ma kienux ezawtorati milli jindagaw mertu li kien jaqa' fil-kompetenza

eskluziva tat-Tribunal Industrijali fit-termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 266 fuq riportat. Infatti f'dik il-kawza l-mertu kien propju interpretazzjoni ta' klawsoli fi ftehim kollettiv li kien holoq relazzjonijiet guridici bilaterali "li kienu jolqtu kemm lil bank kif ukoll lill-impjegati tieghu, indipendentement minn dak li kien jipprovdi l-Att tar-Relazzjonjiet Industrijali .............fir-rigward tal-konsegwenzi ta' l-agir tal-Bank bhala employer li jigi pprovat li kien jikkostitwixxi tkeccija ngusta ta' l-impjegat". F'dik is-sentenza inghad illi t-tkeccija ngusta tippresupponi agir abuziv u llegali. Abuzivita' u illegalita' li fihom kienet ukoll tinkwadra ruhha l-arbitrarjeta' ta' min ihaddem li jaghzel li jkecci, ossia jittermina l-impjieg ta' l-impjegat tieghu mhux skond il-procedura stabilita, kemm bil-ligi kif ukoll bil-ftehim li jirregola l-kuntratt ta' impjieg, jew minghajr ma tinghatalu l-opportunita' li jiddefendi ruhu kontra l-addebiti li fuqhom tkun motivata t-tkeccija, u wkoll minghajr awtorizzazzjoni debita fejn din tkun hekk mehtiega.

Anke f'dan, fil-fehma tal-Qorti, giet irravvizata l-ingustizzja ta' tkeccija. Il-ligi specjali – il-Kap 266 - ma tiddistingwix bejn il-kwalita' ta l-ingustizzja u l-att tat-tkeccija. Ma tillimitax il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali skond il-mertu tar-raguni tat-tkeccija, u kellu allura jiftiehem li din testendi wkoll ghat-tkeccija li tkun proceduralment skorretta u allura ingusta, bhal fil-kaz fejn min ihaddem ma jkunx osserva l-iter obbligat mil-ligi u/jew mill-ftehim dwar kif kellha issir it-tkeccija. L-istess

konsiderazzjoni tapplika ghall-imputazzjoni li l-impjegat tkecca mix-xoghol minghajr ma nghatatlu l-opportunita' li jiddefendi ruhu kemm skond l-iter procedurali stabbilit fil-ftehim kollettiv jekk ikun il-kaz, kif ukoll skond in-normi tal-gustizzja naturali. Il-gustizzja, f'dan l-ahhar kaz, ma kienetx necessarjament marbuta mal-mertu ta' tkeccija u mar-raguni li mmotivata, imma mal-fatt li min ihaddem ma jkunx irrispetta d-dritt ta' l-impjegat li jinghata kull opportunita' li jiddefendi ruhu kontra l-licenzjament. F'cirkostanzi bhal dawn jista' jigri li tkeccija tigi meqjusa ngusta a priori u dana qabel ma anke it-Tribunal jindaga dwar il-validita' tar-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg. L-ingustizzja tkun tohrog propju mill-fatt li ma jkunx gie rispettat dritt fondamentali ta' l-impjegat – lezjoni din li tista' wkoll eventwalment taghti lok ghal rimedju kostituzzjonali – u f'dawn ic-cirkostanzi certament it-Tribunal Industrijali kellu wkoll gurisdizzjoni eskluziva biex jiddelibera u jiddeciedi dan il-mertu. Dan naturalment salv rimedju kostituzzjonali li ma jippermetti l-ebda deroga fil-kazijiet fejn ikun accessibbli lill-individwu.

Is-subinciz 1 ta' l-art. 28 tal-Kap 266 fuq riportat ma jhalli l-ebda dubbju li din kellha tkun interpretazzjoni gusta tad-disposizzjoni tal-ligi "Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni eskluziva li jikkonsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta <u>ghal kull ghan</u> barra mill-proceduri dwar rejati kontra xi ligi................". It-terminu "ghal kull ghan" fit-test ingliz hu tradott bil-

kliem “for all purposes”. Termini dawn li huma inkluzivi u jestendu ghal kull xorta ta’ tkeccija ingusta tkun xi tkun ir-raguni, kemm jekk hi tkeccija ritenuta ngusta minhabba l-mod procedurali kif ittiehdet u giet ezegwita minn min ihaddem, kemm jekk il-kontestazzjoni dwarha kienet fuq il-mertu tac-cirkostanzi li, skond min ihaddem, kienu jiggustifikaw it-tkeccija. Kull xorta ta’ azzjoni dwar tkeccija ngusta allura, kollox inkluz u xejn eskluz, kienet taqa’ taht il-kompetenza eskluziva tat-Tribunal Industrijali sakemm ikun jaqa’ fid-definizzjoni ta’ “tkeccija ngusta” kif definita fis-subinciz 2 tal-Kap 266. Kompetenza eskluziva li naturalment testendi biss fil-limiti tal-konsiderazzjoni u decizjoni dwar jekk tkunx saret jew le tkeccija ngusta, kif dispost fis-subinciz 1 fl-art. 28. Subinciz li jkompli jiddisponi illi “Ir-rimedju ta’ haddiem hekk imkecci, (ingustament) ghall-ksur ta’ dritt tieghu li ma jitkeccix b’mod ingust, ikun biss illi l-ilment tieghu jintbaghad lit-Tribunal Industrijali u mhux xort’ohra. “Il-ligi ghalhekk mhux biss tinvesti t-Tribunal Industrijali b’gurisdizzjoni eskluziva biex tittratta kazijiet ta’ tkeccija ngusta ta’ liema xorta jkunu, imma wkoll tillimita d-dritt ta’ azzjoni tal-haddiem biex jitlob rimedju billi jagixxi quddiem dak it-Tribunal u teskludih minn kull dritt ta’ azzjoni quddiem il-qrati ordinarji. Dan dejjem pero’ fil-limiti mposti fl-istess Kap 266 u bil-limitazzjoni kif konsidrat fis-sentenza “Joseph Sammut vs. Francis Vassallo nomine”.

Ezami ta' l-att promotur tal-prezenti istanza ma jhalli l-ebda dubbju li l-mertu jittratta dwar it-terminazzjoni ngusta ta' l-impjieg ta' l-attur anke jekk parti mill-premessi huma bazati fuq l-allegat nuqqas ta' vires tac-Chairman ta' l-Awtorita' konvenuta li jittermina l-impjieg ta' l-attur meta effettivament itterminawulu. Imputazzjoni din ta' ingustizzja differenti minn dik tal-mertu nnifsu ta' tkeccija li qed jigi trattat mit-Tribunal Industrijali b'azzjoni ad hoc. Xorta pero' l-imputazzjoni tibqa' ta' tkeccija ngusta, tant li l-tieni talba attrici hi fis-sens li l-Qorti tiddikja li l-impjieg ta' l-attur qatt ma gie terminat, waqt li t-tielet talba hi biex din il-Qorti tordna lill-Awtorita' konvenuta tirreintegra fis-shih u fl-intier tieghu lill-attur fl-impjieg li kellu bl-istess salarju, kondizzjonijiet u beneficcji li jmorru mieghu. L-aggravju ta' l-appellant allura ma jistax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mm